MSIDA

KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 04/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 22 ta' Settembru 2009 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar il-Ħamis, 17 ta' Settembru, 2009. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 03/K6/2009.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Quarterly Financial Report għall-ewwel kwart tas-Sena Finanzjarja
5. *Resurfacing* fi Sqaq Clarence.
6. Użu tat-tieni sular taċ-Centru Civiku.
7. Stallazjoni ta' Enerġija Alternattiva fiċ-Centru Civiku u Gonna
8. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati.
10. Purchase Request Sheet.
11. Affarijiet oħra jekk urġenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 04/K6/2009

Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 03/K6/2009

082. Is-Sindku ressaq il-minuti 03/K6/2009 bħala moqrija.

083. M Baldacchino qalet li għandha tiżdied minuta numru 081, liema minuta tgħid li l-Kunsill għandu jordna *green wardens* pajzana fuq bażi regolari, f'postijiet speċifiċi ħalli jħarku persuni li jarmu boroż biż-żibel wara l-ħin tal-ġbir.

084. Is-Sur C Selvaggi qal li l-kelma 'min' f'minuta 035 għanda titneħħa u minfloka jinkiteb 'ukoll min', sabiex il-minuta tiġi taqra: "C Selvaggi qal li għandha tiżdied minuta 031(b), liema minuta tgħid "Biex il-ġbir ta' skart fi Triq Antonio Bosio isir aħjar, u ma jitħalla l-ebda ħmieġ wara t-trakk". C Selvaggi qal li għandha tiżdied minuta oħra, b'riferenza 030(c), liema minuta tgħid "Meta il-Kunsill jitlob kwotazjonijiet, għandu ifittex kwotazjonijiet ukoll minn Misidjani".

085. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Dr Grima ssekonda. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

086. M Baldacchino saqsiet intbgħatitx l-ittra msemmija f'minuti 041(b) lill-Kappilan tal-Paroċċa. Is-Segretarju stqarr li infurmaħ bil-fomm.

87. Dwar minuta 052, Dr. Grima saqsa għaliex il-*bins* għadhom ma ġewx stallati. Is-Segretarju qal li dawn huma ordnati, iżda għadom ma ġewx impurtati għal Malta.

088. Dwar minuta 055, Dr Grima saqsa kif eżatt taħdem din is-sistema, hekk kif ukoll x'jigwadanja minnha il-Kunsill. Is-Segretarju spjega kif għall-ewwel xhur tat-tħaddim ta' din is-sistema, l-maġġoranza tal-flus li jinġabru mit-taħrikiet imorru lura lill-Kumpanija li ġġib il-kamera sabiex taqta' l-ispejjes kapitali. Wara xi xhur, il-Kunsill jibda jieħu porzjon aktar mit-taħrikiet li jiġu mgħotija bil-kamera. Il-Kunsill ma rax li din is-sistema hija finanzjalment vijabli u ma qabilx li tiġi stallata.

089. Dwar minuta 049, M Baldacchino saqsiet saritx l-applikazjoni. Is-Segretarju stqarr li ma rċieva xejn mill-Kunsilliera u għaldaqstant ma apikax.

090. Dwar minuta 068, Dr Grima saqsa saritx il-laqgħa tal-contract manager Lino Bartolo. Is-Sindku qal li l-laqgħa ma saritx peress li l-contracts manager kien msiefer.

091. E Brincat saqsa kienx hemm żviluppi dwar minuta 059, fuq it-titlu ta' art fi Triq L-Irmigg. Is-Segretarju spjega li l-art hija tal-Awtoritajiet Ekklesjastiċi, għaldaqstant intbgħat ittra lil *Joint Office* sabiex dawn ibidlu l-kuntratt sabiex din l-

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

art issir tad-Dipartiment tal-Artijiet. Wara dan il-Kunsill ikun jista' japplika għad-divoluzjoni tal-art u jibni l-ġnien.

092. Dwar minuta 077, M Agius saqsa saritx il-laqgħa mal-Pulizija dwar ipparpeġjar ta' vetturi rregolari quddiem l-AVIS fi Triq ix-Xatt tal-Imsida. Is-Segretarju qal li kellhu isir meeting iżda l-Pulizija ma setgħux jattendu.

093. Dwar minuta 077, M Agius saqsa intalbitx il-kwotazjoni sabiex tinxtara l-art mħarbta fi Triq C De Brockdorff. Is-Segretarju stqarr li għamel din it-talba imma għadu ma rċieva xejn mid-Dipartiment tal-Artijiet.

094. E Abela saqsa ġietx ordnata s-sistema ta' sigurta' CCTV għall-ufficju tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju qal li għadu ma ordnax.

095. Dwar minuta 078, Dr Grima qal li l-qatran fi Triq Michele Bellanti u tindif ta' żejt fi Triq Victor Denaro għadu ma sarx.

Punt 3 Korrispondenza

096. 1594 – Is-Sindku qara l-korrispondenza dwar fondi addizjonali biex jintużaw għal 'tindif generali tal-lokalita inkluż it-toroq'. Il-Kunsill qabel li isir knis ta' kuljum wara nofsinar madwar il-Junior College u l-Universita, hekk kif ukoll tindif faċċata tal-Invicta fi Triq Misrah il-Barrieri. Peress li jkun għad fadal ammont ta' fondi disponibli, l-Kunsill qabel li jiddeċiedi f'laqghat futuri dwar kif dawn jistgħu jiġu utilizati.

097. 1607 – Is-Segretarju spjega li t-talba għad-divoluzjoni għal ġnien Ġuze Ellul Mercer waslet għand id-Dipartiment tal-Artijiet.

098. 1613 – Is-Sindku qara l-ittra mid-Dipartiment tal-Artijiet, fejn sabiex tingħata d-divoluzjoni, dawn qed jistaqsu lill-Kunsill dwar min ser ikun qed imexxi l-Iskola wara tmiem il-proġett. Il-Kunsill qabel li la darba terġa tinbena l-iskola, din tiġi mmexxija mid-Dipartiment tal-Edukazjoni.

099. 1585 - Is-Sindku qara l-ittra mid-Diretturi tal-ħanut Busy Bee fejn dawn qed japplikaw biex jagħmlu *platform* quddiem il-ħanut tagħhom sabiex ikunu jistgħu ipoġġu mwejjed għall-klijenti tagħhom. Il-Kunsill qabel li jzomm din l-aplikazjoni *on hold* peress lil preżentament mhix vijabli. Is-Sindku qal li ser jagħmel laqgħa magħhom u jkellimom dwar xi pjanijiet li l-Kunsill jista jkollu għal Triq ix-Xatt ta' Xbiex.

100. 1559 – Is-Sindku qara l-ittra mibgħuta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar id-divoluzjoni ta' skatpark fl-Imsida. Hawn id-Dipartiment informa lill-Kunsill li dan għadu kemm ingħata lill-Kunsill Malti għall-Isport. C Selvaggi ressaq sabiex issir laqgħa fuq il-post ma rappreżentant tal-Kunsill Malti għall-Isport sabiex il-

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Kunsill jurih ċertu perikli li jeżistu fis-sit. Il-Kunsill qabel u nkariga lis-Sur C Selvaggi jgħamel tali laqgħa.

101. E Brincat qal li għanda tinkiteb ittra indirizzata lill-Kappilan tal-Parroċċa tal-Imsida fejn jiġi spjegat għaliex l-mistiedna ma attndewx il-ftuħ taċ-Centru Parrokjali, u li darba oħra ikun aktar xieraq li jiġi mistieden il-Kunsill kollu.

Punt 4 Quarterly Financial Report għall-ewwel kwart tas-Sena Finanzjarja

102. Is-Segretarju qassam kopja tal-Quarterly Financial Report lill-Kunsilliera.

103. Is-Segretarju spjega il-QFR għall-ewwel kwart tas-sena finanzjarja.

104. M Baldacchino u s-Sindku ħarġu mill-laqgħa. Ħin: 19.05

105. Is-Sindku u M Baldacchino daħlu fil-laqgħa. Ħin: 19.11

106. Is-Sindku ressaq il-Quarterly Financial Report għall-approvazjoni. C Selvaggi issekonda. Il-Kunsill approva l-Quarterly Financial Report.

Punt 5 Resurfacing fi Sqaq Clarence

107. Is-Sindku ressaq sabiex isir resurfacing permezz ta' *paving blocks* fi Sqaq Clarence, u sabiex dan ix-xogħol jiġi iffinanzjat bil-fondi tal-Urban Improvement Fund. Il-Kunsill qabel.

Punt 6 Użu tat-tieni sular taċ-Centru Civiku

108. Is-Sindku propona li t-tieni sular taċ-Centru Civiku jinkera lil terzi persuni sabiex ikunu jistgħu jiżviluppawħ u minnu joffru servizzi edukattivi bħal tagħlim ta' komputers u/jew lingwi. Il-Kunsill approva.

109. M Baldacchino ressqet sabiex isiru t-toilets fil-parti tal-binja indikata biex isservi bħala Day Care Centre għall-Anzjani. Il-Kunsill qabel.

Punt 7 Stallazjoni ta' Enerġija Alternattiva fiċ-Centru Civiku u Ġonna

110. E Brincat qal li l-Kunsill għandu jesplora l-possibbilta' finanzjarja li jistalla sorsi ta' enerġija alternattiva sabiex iħaddem id-dawl fiċ-Centru Civiku hekk kif ukoll f'xi ġonna madwar l-Imsida. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju qal li ser jara jekk il-fondi tal-*Urban Improvement Fund* jixtgħux jintużaw għal dan il-għan. Is-Sindku qal li nistgħu nitkellmu ma' Sindki fiż-żona tal-Imsida fuq il-possibilta li jsir proġett konġunt.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

## Punt 8 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

111. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K6/Min03 għall-approvazzjoni.

112. Il-Kunsill approva l-pagamenti tal-kontijiet. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, Dr Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

113. Is-Segretarju tkellem dwar kont pendenti mal-Water Services Corporation ta' funtana fi Triq Victor Denaro, liema kont ġie ttrasferit fuq il-kont tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali, u għaldaqstant teżisti l-possibbilta' li jekk dan ma jitħallasx, jinqata' d-dawl u ilma tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill kien ftit xhur ilu qabel li dan ma jitħallasx, pero', dan jista' jipperikola l-operazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li jintalab *break down* tal-kont sabiex naraw kemm hu antik, u jiddeċiedi l-laqgħa li jmiss x'passi jieħu.

114 (a). Is-Segretarju preżenta kwotazzjoni għal tiswijiet fuq dawl fi Triq Rue D'Argens u Triq Isqof Caruana, wara li allegatament is-sid tan-negozju *Arcidiacono* għamel dawn il-ħsarat. L-ammont ta' tiswijiet huwa ta' 1909 ewro. Is-Segretarju qal li din l-istima għanda togħla peress li ma tinkludix it-tneħħija ta' *street lantern* li ma nstabitx wara li tlestew ix-xogħlijiet mal-faċċata tal-istess negozju. Is-Segretarju kompla billi stqarr li diġa għamel rapport l-għassa dwar l-inċident.

114 (b). Il-Kunsill qabel li ninfurmaw l-avukat dwar il-każ. Dr Grima ssugerixxa li jekk is-sid ma jirranġax kollox fi żmien jumejn, il-Kunsill Lokali jieħu l-passi kollha neċessarji biex ir-residenti ikollom id-dawl, u s-sid jinżamm responsabli.

## Punt 9 Approvazzjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati.

115. E Abela stqarr illi s-Sotto-Kumitat għall-Anzjani diġa fassal il-programm ta' attivitajiet sa Diċembru 2009. Huwa preżenta il-minuti tas-Sotto-Kumitat. Il-minuti ġew approvati.

116. M Baldacchino ippreżentat il-minuti tas-Sotto-Kumitat Edukazzjoni u Kultura. Hi spjegat kif is-Sotto-Kumitat diġa pprepara ammont ta' korsijiet biex jingħataw lir-residenti fosthom ta' tagħlim fl-ingliz u *crafts*. M Agius għamel korrezjoni fil-minuti illi huwa ma kellux jivverifika mal-ESF jekk jistgħux jgħinuna billi jibagħtu studenti-għalliema. Il-minuti ġew approvati.

117. C Selvaggi ppreżenta l-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Ambjent. Huwa propona li fil-magazine li jmiss tal-Kunsill, jinkiteb artiklu dwar il-ħmiġijiet tal-ġbir ta' skart u sabiex il-Kunsill imexxi fuq *bye-law* sabiex jgħolli l-piena għal min jinqabad joħrog skart wara l-ħin tal-ġbir. C Selvaggi propona ukoll li ssir

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

kompetizjoni bejn l-aktar gallariji sbieħ. Il-Kunsill approva l-minuti, filwaqt li qabel li l-*bye-law* għandha tiġi diskussa f'aktar reqqa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

118. Is-Segretarju stqarr li l-minuti għall-Kumitat Offerti Pubbliċi għadom mhux miktubin, u li dawn ser jitqassmu lill-Kunsilliera fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku qal li l-Kumitat evalwa żewġ tenders, dak tat-tindif tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali u dak tal-manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku. Fiż-żewg każi l-Kumitat qed jirrakkomanda li jintgħażlu l-kuntratturi diġa preżenti. Ir-raġunijiet huma s-segwenti:

a) Tindif tal-Uffiċini tal-Kunsill Lokali: Il-Kumitat irrakkomanda li tkun aċċettata l-offerta ta' Ms Rose Chircop għaliex hi kienet ilha tagħmel dan ix-xogħol għal diversi snin b'mod sodisfaċenti, l-kwalita tax-xogħol tagħha hu magħruf sewwa, kienet qabel impjegata ma' l-istess Kunsill u allura hi persuna ta' fiduċja li tista' titħalla tagħmel xogħol mingħajr supervizjoni, u dan allavolja l-offerta tagħha hija aktar għolja minn tal-oħrajn. Il-Kunsill qabel.

b) Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku: Il-Kumitat innota illi l-prezzijiet taż-żewg kumpaniji huma identiċi. Għaldaqstant, peress illi s-servizz tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali, l-kuntrattur preżenti, huwa sodisfaċenti, l-Kumitat irrakomanda li t-tender tingħata lilhom. Il-Kunsill qabel.

Punt 10 Affarijiet oħra jekk Urġenti

119. Is-Sindku propona li tiġi mqegħda xibka fuq il-grawnd tal-futbol tas-Swatar. Il-Kunsill qabel.

120. E Brincat propona li ssir CCTV kamera fl-inħawi tal-Bring in Sites fi Triq is-Swatar sabiex jiġi ikkontrollat it-traffiku. Din tista' issir bi sħab mal-Kunsill Lokali Birkirkara.

121. E Brincat propona li tiġi mressqa l-bozza bejn plot 1 u 2 fi Triq Balliju Guttenberg għal fuq arblu, sabiex tgħati aktar dawl lit-triq. Il-Kunsill qabel.

122. E Brincat propona li jingħata rikordju lill-ewwel kopja li ser tiżewweġ fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel.

123. C Selvaggi propona li jiġu stallati riċipjenti għal ħmieġ tal-klieb madwar Msida Circus, sabiex jitnaddaf il-culvert ta' triq Achille Ferris, u sabiex issir laqgħa mad-direttur tal-kumpanija Vivien Commercials.

124. Dr Grima talab li l-Kunsill jikteb lill-Ministru inkarigat mill-ADT fuq il-ftuħ ta' Triq ta' Xmiexi; biex jinxterdu *pellets* li jisterilizzaw il-ħamiem.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

125. Dr Grima u E Brincat ħarġu mil-laqgħa. Ħin: 20.33

126. M Agius qal li s-Superjur tal-Muzew irid jagħmel laqgħa mal-Kunsill; sabiex isir sforz aktar biex l-emails mibgħuta mir-residenti jingħataw tweġiba f'ħin aktar raġonevoli; s-Sagristan qed jitlob lill-Kunsill jgħin fix-xiri ta' reflectors għall-Knisja Parrokjali. Is-Segretarju stqarr li dan it-tip ta' infieq mhux permess.

127. Is-Sindku qal li fuq inizjattiva personali organizza grupp ta' għanneja sabiex jgħatu serata mużikali fid-dar tal-anzjani. Din saret b'mod volontarju mill-għanneja u kienet suċċess.

128. E Abela propona li l-Kunsill jirrapporta lill-Kummisjoni Persuni b'Disabbilta u lill-Ministeru ghall-Affarijiet Soċjali illi l-Berġa tas-Social Service u Clinic fl-Imsida ma humiex aċċessibli.

129. M Baldacchino pproponiet li ssir bankina żgħira fi Triq Villambrosa. Il-Kunsill qabel.

130. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.43

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com